MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2009

Numru 1022/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Bernard Zarb**

**vs**

**Mariella Sciriha**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Mariella Sciriha ta’ 33 sena, bint Guido u Emanuela nee’ Cutajar, imwielda Pieta’ fil-15 ta’ Mejju 1971 u residenti f’ 199, Triq il-Palma, Paola u detentrici tal-karta tal-identita’ numru 221471(M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli:

Fit-2 ta’ Mejju 2002 u fiz-zmien ta’ qabel, fir-residenza ta’ Ryan Cilia, u cioe’ fil-Gzira, u fil-fond bl-isem ta’ V&F

Supermarket, Triq Dingli, Sliema, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:

1. Xjentement qieghdet fic-cirkolazzjoni, bieghet jew zammet ghall-bejgh, jew importat ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b' marka, sinjal jew emblema imxebbhin b' qerq u cioe' sigaretti tal-marka Rothmans Blue KSFT u dan bi ksur ta' artikolu 298(1) (f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampat, immanifatturat, idduplikat, jew mod iehor ipproduciet jew ikkopjat jew bieghet, qasmet jew mod iehor offriet ghal bejgh jew biex tqassam xi artikolu jew xi haga ohra u cioe' sigaretti tal-marka Rothmans Blue KSFT bi ksur ta' jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u cioe' l-Pall Mall Ltd of UK u socjetajiet ohra, li taghhom is-socjeta' BCGL Advocates rapprezentata minn Dr. Andrew Borg Cardona LL.D et hija rapprezentanti, protetti bil jew taht il-Ligi ta' Malta, u dan bi ksur tal-Artikolu 298B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Fl-istess zmien, iffalsifikat cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b' xi att pubbliku tal-Gvern, u cioe' il-boll tas-SISA/dazju fuq il-pakkett tas-sigaretti, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 167 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Xjentament ghamlet uzu minn dawn id-dokumenti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 169 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Ghamlet falsifikazzjoni f' att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b' falsifikazzjoni jew b' tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe' boll tas-SISA/Dazju li jappartjenu lil Gvern ta' Malta, billi holqot pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahlet dawn il-pattijiet,

dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f' dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew bidlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, dan bi ksur ta' l-Artikolu 183 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Ghamlet xjentement uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza, dan bi ksur ta' l-Artikolu 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Fuq Talba tal-Kontrollur tad-Dwana; tal-Kummissarju tal-VAT u tad-Direttur Generali ghad-Divizjoni tal-Kummerc:

Fit-2 ta' Mejju 2002 wara intervent u tfittxija li saru mill-ufficjali tal-Pulizija fil-hanut li jgib l'isem V&F Supermarket, fi Triq Dingli, Sliema, u wkoll fil-lok: 30, Flat 2, Triq Ponsomby, Gzira, rrizulta illi, fil-perjodu ta' dan iz-zmien imsemmi, flimkien ma' ohrajn u/jew bil-komplicita' u l-koperazzjoni ta' persuna jew persuni ohra, sabiex tikseb xi vantagg, jew beneficcju ghaliha nnfisha u/jew ghal haddiehor, kontra l-Ligi, u ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, xjentement, giet fil-pussess ta' sigaretti bla dazju, liema sigaretti kienu counterfeit u bil-faxxa tad-dazju tas-sisa (banderole) falsifikata, u dan fi kwantita' kif jidher hawn taht:

263 pakketti b' ghoxrin sigarett kull pakkett – Rothmans Blue (b' replica ta' 60 cents 3 mils Government Excise Stamp)

| Valur | Dazju tas-SISA | V.A.T | Taxxa Imposta |
|---|---|---|---|
| Lm65.75,0 | Lm190.15,0 | Lm42.84,0 | Lm29.72,0 |

30 kartuna b' ghoxrin sigarett kull kartuna tal-marka Rothmans Blue.

| Valur | Dazju tas-SISA | V.A.T | Taxxa Imposta |
|---|---|---|---|
| Lm7.50,0 | Lm21.69,0 | Lm4.95,0 | Lm3.39,0 |

20 pakkett b’ 20 sigarett kull pakkett tal-marka Rothmans Blue.

| Valur | Dazju tas-SISA | V.A.T | Taxxa Imposta |
|---|---|---|---|
| Lm1.25,0 | Lm14.46,0 | Lm2.70,0 | Lm2.26,0 |

Dawn is-sigaretti, li l-importazzjoni u l-pussess taghhom huma projbiti u/jew ristretti u/jew limitati, ghandhom valur totali ta’ Lm145.75,0 u Dazju tas-Sisa dovut ta’ Lm421.50,0 u wkoll Taxxa Imposta (Levy) u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) li jammontaw ghal Lm65.88,0 u Lm95.60,0 rispettivament;

8. Fl-istess perjodu ta’ zmien, post u cirkostanzi, xjentement, kellha b’ xi mod x’ taqsam fil-garr, twarrib, depozitu jew habi ta’ dawn is-sigaretti, jew filli b’ xi mod iddisponiet minn dawn is-sigaretti bil-hsieb li tiffroda lill-Gvern minn dazju u/jew taxxi ohra dovuti;

9. Fl-istess perjodu ta’ zmien hajret, ghenet jew assistiet l-ghemil tar-reati hawn fuq imsemmija;

Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 60 (a) (b) (c) (k); l-Artikolu 62(a) (b) (c) (f) (g) (h) (i) (k) u l-paragrafu (a) tal-Proviso ta’ l-Artikolu 62 ta’ l-Ordinanza tad-Dwana Kap 37; u l-Artikli 16 (j) u 17 ta’ l-Att XVI ta’ l-1995 dwar Dazju tas-Sisa tal-Ligijiet ta’ Malta, u wkoll, bi ksur ta’ l-artikolu 80 t’ l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Numru XXIII ta’ l-1998) u Kap 336 tal-Ligijiet ta’ Malta; u bi ksur tal-Artikolu 62 (a) (b) (c) (f) (g) (h) (i) ta’ l-Ordinanza tad-Dwana Kap 37 u 7 (1), u 12 (1) ta’ l-Att XXXI ta’ l-1989 dwar il-Promozzjoni tal-Prodotti Lokali.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna l-konfiska tal-oggetti kollha esebiti kif ukoll jekk ikun il-kaz, tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’ jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 24 ta’ Novembru 2004 (esebit *a folio* 16 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilha fis-seduta tas-27 ta’ Settembru 2007 l-imputata ddikjarat  li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fis-sena 2002 il-Pulizija tal-Economic Crimes Unit kienu qed jaghmlu sensiela ta’ spezzjonijiet in konnessjoni ma’ sigaretti Rothmans counterfeit bil-boll ukoll iffalsifikat li kienu qed jigu spaccjati fuq is-suq Malti. F’wahda minn dawn l-ispezzjonijiet gew elevati diversi grossos tas-sigaretti bil-markju Rothmans allegatament counterfeit mill-V&F Supermarket f’Dingli Street, Tas-Sliema. Mill-investigazzjonijiet li ghamlu l-Pulizija fir-rigward irrizulta li l-propjetarji tal-imsemmi supermarket kienu xtraw is-sigaretti minghand certu Rita Spiteri. Din tal-ahhar meta giet mitkellma mill-Pulizija qalet li kienet xtrat dawn il-grossos tas-sigaretti minghand l-imputata odjerna li kienet tahdem maghha fil-fabbrika Denim Services Limited. Meta l-Pulizija kellmu lill-imputata din qalet li kienet xtrat dawn il-grossos tas-sigaretti minghand hu l-ex boyfriend taghha, certu Desmond Falzon.

Ikkunsidrat:

Illi wara li ezaminat  l-atti kollha ta’ dan il-procediment il-Qorti setghat tikkonstata li nonostante li din il-kawza tirrigwarda diversi grossos tas-

sigaretti li gew elevati mill-Pulizija mill-V&F Supermarket u li l-Pulizija qed tallega li huma counterfeit u li ghandhom il-boll tad-dazju wkoll iffalsifikat, f'dawn il-proceduri la gew esebiti l-imsemmija sigaretti u l-anqas saret it-talba sabiex jinhatar espert sabiex jezamina l-imsemmija grossos tas-sigaretti allegatament counterfeit u bil-boll falsifikat u dan sabiex jigu ezaminati u certifikati bhala tali. Kull ma sar f'dawn il-proceduri kien li gie esebit dokument iffirmat minn certu John Chetcuti (esebit a fol.40 tal-process) fejn l-imsemmi Chetcuti qal li fis-17 ta' Settembru 2002 kien ezamina diversi grossos tas-sigaretti li kellhom il-marka Rothmans u li huwa kien iccertifikahom bhala foloz. Irid izda jigi rilevat li apparti l-fatt li l-imsemmi John Chetcuti qatt ma gie prodott bhala xhud f'dawn il-proceduri sabiex jikkonferma il-kontenut ta' dan id-dokument, l-anqas ma ngabet prova li l-grossos tas-sigaretti li ezamina Chetcuti kienu l-istess sigaretti li gew elevati mill-V&F Supermarket.

Il-Qorti ghalhekk jidrilha li bl-ebda mod ma jista' jinghad li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni l-akkuzi migjuba fil-konfronti tal-imputata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputata mhux hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha u konsegwentement tilliberaha mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------